FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

MAĠISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.

Seduta tal-24 ta' Settembru 2019

Raymond Buhagiar

vs

Darren Falzon

Il-Qorti,

Rat l-avviż ippreżentat fit-3 ta' Ottubru 2017 li permezz tiegħu, ir-rikorrenti talab lil din il-Qorti sabiex tordna lill-intimat iħallsu s-somma ta' sitt elef, u seba' mitt Ewro (EUR 6,700) rappreżentanti danni sofferti minnu wara li l-intimat bħala mandatarju tal-mittenti ħareġ mil-limiti tal-mandat u dan billi biegħ forklift tal-għamla HYSTER H2.5FT b' numru L177B08301D b' mod abbużiv u mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti.

Rat ir-risposta ta' Darren Falzon tas-6 ta' Diċembru 2017 fejn eċċepixxa li:

1. *Illi t-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u l-esponenti jikkontesta l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti;*
2. *Illli fil-mertu mhux minnu illi l-intimat agixxa ta' mandatarju ghan-nom tar-rikorrenti kif allegat fl-avviz, u dan stante li ma kienx hemm ftehim ta' mandat bejn il-partijiet; ghall-kuntrarju r-rikorrent ta l-forklifter lura lill-intimat ghas-saldu ta' dak dovut lill-intimat meta r-rikorrent ma kienx f' pozizzjoni u/jew ma riedx ikompli jhallas dak dovut minnu lill-intimat fuq il-bejgh ta' l-istess forklifter.*
3. *Illi f' kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux minnu lanqas li l-intimat hareg mil-limiti tal-mandat kif allegat;*
4. *Illi isegwi ghalhekk li mhux minnu li l-intimat ikkawza danni lir-rikorrenti kif qed jallega r-rikorrent u l-intimat ghalhekk ma ghandu jigi ordnat ihallas l-ebda danni lir-rikorrent.*
5. *Illi dejjem bla pregudizzju ghal dak premess, l-ammont mitlub huwa ghal kollox esagerat u r-rikorrent ghandu jgib prova tad-danni minnu sofferti sal-grad rikjest mil-ligi.*
6. *Illi dejjem bla pregudizzju ghal dak premess, minn kull ammont ta' danni li talvolta jista' jigi likwidat favur ir-rikorrent ghandu jitnaqqas kumpens adegwat favur l-esponent ghaz-zmien kollu li l-forklifter ghamel fil-pussess tar-rikorrent kif ukoll in vista tad-deprezzament tal-istess u tal-interessi li kienu dovuti mir-rikorrenti lill-intimat skond il-ftehim originali bejniethom kif ukoll spejjez inkorsi mill-intimat qabel il-forklifter gie mibjugh lil terzi.*
7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Semgħet il-provi prodotti;

Rat id-dokumenti eżebiti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat li l-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidrat**

**Provi Prodotti**

Raymond Buhagiar xehed permezz ta' affidavit u anke *viva voce* fejn qal li huwa kien jaħdem l-għamara u kien anke jimporta għamara minn barra. Fl-14 ta' Marzu mar fil-garaxx bl-isem "Top Choice for Handling Equipment" peress li kellu ħsara fil-forklifter tiegħu. Tkellem ma' Darren Falzon u qallu li kellu bżonn lil xi ħadd jiġi jara l-lifter li kellu bil-ħsara. Meta Falzon ra l-lifter, dan informa lil Buhagiar li kellu spejjeż kbar. Falzon kien infurmah fis-16 ta' Marzu li tal-inqas kien hemm EUR 2,000 ħsara u li biex jiġi *sprayed* kien jiġi EUR 500. Spjega li l-forklifter ittieħed minn Falzon fil-garaxx tiegħu.

Kompla jgħid li Falzon kien issuġerixxa li huwa juża lifter ta' żewġ tunnelati u nofs u mhux lifter bħal li kellu ta' tunnelata u nofs. Kien ukoll infurmah li l-lifter tiegħu kien antik. Fid-19 ta' Marzu, Buhagiar mar fil-garaxx ta' Falzon u ra forklifter tal-marka Hyster ta' żewġ tunnellati u nofs. Falzon qallu li l-valur tal-lifter tiegħu kien EUR 2000 u huwa kien lest li jparrat dan mal-lifter il-ġdid versu l-prezz ta' EUR 8,000.

Sostna li huwa kien indeċiż iżda Falzon kien qallu li jekk jiddeċiedi li ma jkomplix fin-negozju tal-għamara, huwa kien jaċċetta l-forklifter lura filwaqt li jagħtih il-flus kollha lura. Sar ftehim li EUR 8,000 jitħallasu f' sebgħa pagamenti u Buhagiar aċċetta li jixtrih. Fit-23 ta' Marzu Falzon tah il-forklifter u ffirmaw ftehim bejniethom. Huwa beda jħallas u Falzon kien jagħtih il-kambjali wara kull ħlas.

Xehed li fl-14 ta' Lulju Falzon talbu jħallas xi ħaġa żgħira fuq il-kambjali ta' Lulju u hu ħallas, iżda dakinhar infurmah li huwa ma ridx ikomplu f' dan ix-xogħol u staqsih kif ser jagħmlu fuq il-forklifter. Falzon infurmah li l-lifter jista' jagħtihulu lura u x'ħin ibiegħu jgħaddilu l-flus kollha li kien ħallas u ċioe' EUR 6,700. Spjega li huwa kien sostna li l-iktar li seta' jdum biex jinbiegħ kien xahar. Fil-25 ta' Lulju, Falzon kien qallu li għadu ma biegħx il-lifter iżda kien lest iħallsu EUR 3,500 u dana peress li qallu li kieku krielu dan il-lifter, dak kien il-ħlas li kien jitlob. Fit-28 ta' Settembru,

Falzon kien offrielu EUR 4,000 iżda huwa ma aċċettax peress li huwa kien xtara u mhux kera mingħand Falzon.

Qal li dakinhar infurmah li l-lifter kien biegħu lil terzi. Buhagiar kien oppona għal dan għaliex huwa kien lest li jħallas il-bilanċ ta' EUR 3,000 biex jieħu l-lifter hu u jbiegħu hu.

<u>Darren Falzon</u> xehed li f' Marzu 2017 ġie fil-garaxx tiegħu Raymond Buhagiar u staqsih biex jara l-lifter tiegħu li kien bil-ħsara. Qal li huwa kien mar jara l-lifter u imbagħad dan kien ittieħed fil-garaxx tiegħu sabiex issir stima ta' kemm tiġi biex tissewwa l-ħsara li kellu. Spjega li sussegwentement infurmah li kellu spejjeż ta' EUR 2,500 biex tissewwa ħsara u jiġi miżbugħ. Qal li Buhagiar f' okkażjoni oħra kien talbu jekk jistax ipartat l-forklifter fil-kundizzjoni li kien ma' forklifter second hand ta' żewġ tunnellati u nofs. Qal li huwa aċċetta li jieħu l-forklifter fil-kondizzjoni li kien u li kien stmaħ EUR 2,000. Kien talbu żieda ta' EUR 8,000 biex jagħtih forklift tal-marka Hyster H2,5FT. Ftehmu li EUR 8,000 jinqasmu f' seba' pagamenti u l-forklift tiegħu kienu biegħu għall-iscrap.

Qal li huwa kien ftiehem ma' Buhagiar li jekk ma jasalx bil-pagamenti huwa kellu jieħu l-lifter lura u l-pagamenti jintilfu favurih bħala kumpens ta' kera ghal kemm ikun ilu juza l-lifter. Qal li huwa jbiegħ u jikri lifters. Eżebixxa *invoice* ta' kemm jikri forklift simili. Ikkonferma li fit-23 ta' Marzu ffirmaw skrittura u seba' kambjali. Buhagiar għamel l-ewwel 4 pagamenti għalkemm ma kenux jkunu fil-ħin. Qal li sussegwentement, ġie nfurmat li huwa ma ridx il-forklift iktar. Spjega li Buhagiar talbu jieħdu lura iżda kien baqalu xi xogħol x' jagħmel bih. Qallu wkoll biex ma jgħaġġilx biex ibiegħu ħalli forsi jsib il-flus li kien fadallu jħallas.

Qal li huwa kien dar dawra l-lifter għaliex kien intuża mhux ħażin minn Buhagiar u imbagħad biegħu lil terzi. Fit-28 ta' Settembru Buhagiar kien mar il-garaxx tiegħu u huwa kien infurmah li jekk ġie għal lifter kien tard wisq peress li kien biegħu. Buhagiar kien qallu jekk kienx ħaqqu xi ħaġa tal-flus lura. Qal li għalkemm ma kienx obbligat għax il-ftehim kien mod ieħor, huwa kien lest li jtih lura EUR 3,000. Qal li Buhagiar kien talbu dawn il-flus dak il-ħin iżda huwa ma kellux dawn il-flus kollha fuqu. Qal li f' okkażjoni oħra Buhagiar reġa' ġie fejnu u huwa nsista li ssir skrittura bejniethom iżda dan beda jiġih bil-paroli. Qal li huma spiċċaw ma qablux ma' xulxin.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti sejra l-ewwel teżamina n-natura tal-ftehim li ntlaħaq bejn il-partijiet.

Skont l-iskrittura eżebita a fol 22, ġie milħuq ftehim bejn il-partijiet fejn intqal:

> "*Agreement enter today between Darren Falzon ID 146179m and Ray Buhagiar 134256m regaring sale of forklift HYSTER H2.5FT Serial Number L177B08301D for the sum of EUR 8,000 excluding vat and YCM Forklift equivalent of EURo 2000.00 exclusive of vat.*
>
> *The payment will be paid on seven (7) months....*"

Id-dokument a fol 22 huwa datat 23 ta' Marzu 2017 u huwa ffirmat minn Darren Falzon biss.

Saru wkoll kambjali li bħala data kellhom id-data ta' kull pagament u in fatti, mal-ħlas ta' kull pagament, kienet tiġi ritornata kambjala lura lil Ray Buhagiar. Peress li saru 4 pagamenti minnu, ġew eżebiti 4 kambjali li ġew ritornati lura lilu (fol 23-24).

Mill-provvedimenti varji statwiti fl-istitut tal-bejgħ taħt il-Kodiċi Ċivili tagħna (Artikolu 1346 et sequitur) jemani li l-bejgħ hu kuntratt konsenswali b' effett traslattiv, li jista' jkun immedjat u konsegwenti għas-sempliċi kunsens, jew differit u dipendenti fuq xi event ulterjuri. Ad eżempju, l-ispeċifikazzjoni tal-ġenus (ara Kollez. Vol. XXV P I p 982), il-bejgħ ta' oġġetti li għandhom jiġu peżati, enumerati jew miżurati (Artikolu 1348; Kollez. Vol. XXXII P III p 522), il-pagament tal-prezz intier fl-ipotesi ta' vendita "pactum rizervati domini" (**"Noel Gruppetta nomine -vs- Joseph Florian"**, Appell Civili, 29 ta' Jannar 1980) u l-bejgħ suġġett għall-kundizzjoni sospensiva bl-inseriment ta' pattijiet jew klawsoli speċifiċi, ad exemplum il-patt salvo vista (ara Kollez. Vol. XX P I p 134).

Mill-banda l-oħra, f'kuntratt ta' *hire purchase* ix-xerrej-kerrej ikollu l-għażla jekk jikkonvertix il-*hire* f'*purchase*, u, jekk jagħżel li ma jkomplix iħallas, ma jistax ikun imġiegħel jixtri u l-kuntratt jitqies wieħed ta' *hire*.

Il- Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) Appell Ċivili Nru. 151/2014 fl-ismijiet <u>Montebello Enterprises Limited (appellata) vs Paolo Soldi u Nathalie Frendo (appellanti)</u> intqal:

> *Il-ġurisprudenza tgħallem li n-natura intrinsika ta' hire purchase agreement fiħ żewġ stadji ben distinti. Is-sid ta' l-oġġett jittrasferixxi lill-kerrej l-użu u lpussess ta' l-oġġett għall-kirja speċifika, b'dan li l-proprjeta` ta' l-oġġett ma tgħaddix għand ix-xerrej sakemm il-prezz ma jkunx imħallas kollu. Il-venditur jibqa' legalment konsidrat li hu s-sid ta' l-oġġett u l-proprjeta` tiegħu ma tgħaddix lill-venditur sakemm il-prezz tiegħu ma jkunx ġie saldat.*
>
> *Mela sakemm jithallas il-prezz kollu, m'hemmx bejgh. F'dan ir-rigward fis-sentenza:*
>
> *i. V. Bonnett vs G. Azzopardi, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Gunju, 1922, dwar dan it-tip ta' kuntratt il-qorti osservat: "in simili casi, il contratto deve ritenersi ab initio una vera e propria vendita subordinata alla condizione sospensiva dell'integral pagamento del prezzo, vendita in cui il dominio della cosa anzicche' acquistarsi immediatamente dal compratore rimane nel frattempo fin oilpagamento dell'ultima rata stabilita, presso il venditore".*
>
> *ii. Nobbli N. Zimmermann Barbaro vs C. Borg et, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-30 ta' Gunju 1938 (Vol. XXX.iii.388): "fil-kaz ta' bejgh bil-hire purchase system", il-bejgh isir bil-kundizzjoni reservation dominio sakemm jithallsu r-rati kollha tal-prezz miftiehem; u ghalhekk il-proprjeta tibqa' ghand il-venditur sakemm ma jkunux thallsu dawk irrati kollha".*
>
> *iii. A. Abela nomine vs M. Attard et, deciza mill-Prim'Awla fit-12 ta' Frar 1957 (Vol. XLI.ii.896): "sakemm ma javvera ruhu l-fatt kontemplat (igifieri l-hlas tal-prezz), jew jghaddi z-zmien stabbilit, il-venditur jibqa' l-proprjetarju tal-haga li tkun iffurmat l-oggett tal-kuntrattazzjoni bilpatt tar-rizerva tad-dominju".*

Fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Ottubru, 2014 Ċitazzjoni Numru. 617/2011 fl-ismijiet <u>Nicholas Fenech Vs Wilfred Cardona</u> intqal hekk:

*"L-Artikolu 1347 tal-Kodici Civili jipprovdi:-*

*"Il-bejgh hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu ghall-bejjiegh, il-proprjeta tal-haga tghaddi ghand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, ghalkemm il-haga tkun ghad ma gietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun ghad thallas il-prezz; u minn dak il-hin il-haga nfisha tibqa' ghar-riskju u ghall-uzu tax-xerrej".*

*Fil-kawza Noel Gruppetta nomine vs Joseph Florian deciza fid-29 ta' Jannar 1980 millQorti tal-Appell, gie osservat:-*

*"Fis-sentenza taghha Degiorgio vs Micallef, 16 ta' Dicembru, 1936 (Koll. Vol. XXIX.i.1438) din il-Qorti kienet qalet li kuntratt pretiz maghmul fuq il hire-purchase system ghandu jigi interpretat skond ma kienet il-fehma tal-partijiet meta konkludewh u jekk l' hekk imsejjah hire-purchaser ma jkunx zamm l-option li jhassar il-kuntratt billi jregga l-oggett lura, ilkuntratt, li fih il-partijiet ikunu ftehmu li l-oggett isir ta' proprieta tal-imsemmi hire-purchaser meta dan ikun hallas ir-rati kollha miftehma ghandu, avolja l-proprjeta ma tigix trasmessa hlief allura, jghaddi bhala bejgh".*

*Imbaghad fil-kawza A. Abela nomine vs M. Attard et deciza mill-Prim'Awla fit-12 ta' Frar 1957 (Volum XLI.ii.896) il-qorti qalet:-*

*"Illi fil-vendita bil-patt tar-rizerva tad-dominju, l-istess patt jattribwixxi lill-venditur il-fakolta' li jirritarda t-trasmissjoni tal-proprjeta tal-haga mibjugha sal-mument meta javvera ruhu fatt, jew ighaddi certu zmien; u malli dak il-fatt jew zmien jivverifika ruhu, ma jkunx hemm bzonn ta' manifestazzjoni ohra gdida tal-volonta', jew xi attivita' ohra mill-parti tal-kontraenti jew xi hadd iehor, sabiex tavvera ruhha t-trasmissjoni tal-proprjeta. Minn dan jitnissel li sakemm ma javverax ruhu l-fatt kontemplat, jew jghaddi z-zmien stabbilit, il-venditur jibqa' l-proprjetarju tal-haga li tkun giet iffurmat oggett tal-kuntrattazzjoni tal-bejgh bil-patt fuq imsemmi".*

F'dan il-każ fl-iskrittura ma saret l-ebda dikjarazzjoni espressa li l-proprjeta' tal-lifter ser tibqa' tal-bejjiegħ sakemm jitħallas il-prezz kollu. Dana minkejja li l-intimat huwa fin-negozju tal-kiri u tal-bejgħ ta' forklifters.

Il-Qorti trid tiddetermina x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet fil-mument li ffirmaw l-iskrittura tat-23 ta' Marzu 2017. In fatti, skont ġurisprudenza paċifika "l-*essenza u n-natura ta' kuntratt ghandha tigi dezunta pjuttost mill-kontenut tal-kuntratt anzikke mill-enuncjativa jew nomen juris li l-partijiet jaghtu lill-ftehim ta' bejniethom; u ghal dan il-fini hemm bzonn li tigi penetrata l-intenzjoni tal-partijiet li kkonkludew dak il-ftehim"* (Kollez. Vol. XXXVI P I p 217; Vol. XII p 348 u "**Lawrence Xuereb nomine -vs- Ray Oates et**", Appell Civili, 15 ta' Ġunju 1988, fost oħrajn).

Jiġi notat li fl-iskrittura hemm imniżżel '*sale*' iżda fil-fehma tal-Qorti, din il-kelma ma tistax waħedha tiddetermina n-natura tan-negozju ġuridiku. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ ġia ċitat **Nicholas Fenech Vs Wilfred Cardona**, il-Qorti għandha d-dmir li tara x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet billi tħares lejn is-sustanza u mhux tillimita ruħha għall-kelma waħda biss.

Fuq ir-rikostruzzjoni u interpretazzjoni tagħha tal-provi attinenti għall-ftehim f' dan il-każ, hi l-fehma tal-Qorti illi l-lifter ġiet mgħoddija fil-pussess ta' Buhagiar suġġetta għar-riżerva li jekk dan ma jirnexxiex fin-negozju jew ma jkunx jista' jibqa' jħallas, din tkun tista' tigi ritornata lura lil Falzon biex dan ibiegħha lil terzi.

Il-Qorti qed tikkonkludi li dan il-ftehim kien proprju wieħed ta' bejgħ u li meta ma kompliex iħallas, l-istess Buhagiar aċċetta li jirritornah lura lil Falzon sabiex dan ibiegħu għan-nom tiegħu lil terzi.

Ladarba l-konklużjoni tal-Qorti hi li seħħ bejgħ, mela l-konvenut ma kellu l-ebda jedd li jittrasferixxi l-lifter minghajr ma jinvolvi lill-attur f' dak li kien qiegħed jagħmel. Dan ifisser li meta l-konvenut biegħ il-lifter lil terzi, i.l-ewwel kellu jitħallas il-bilanċ tal-prezz dovut lill-konvenut; u ii. Jekk jifdal bilanċ għandu jieħdu l-attur. Fil-każ odjern, il-konvenut qatt ma semma l-prezz eżatt kemm biegħ dan il-lifter; għalkemm sostna in kontro-eżami li biegħu bejn EUR 8500 u EUR 10000. Il-konvenut żamm il-prezz kollu li bih inbiegħ il-lifter lil terzi filwaqt li żamm ukoll għandu s-somma ta' EUR 4,700 u l-lifter stmat EUR 2,000.

Din il-Qorti tqies li gialadarba, il-konvenut naqas li jressaq prova konkreta dwar kemm effettivament biegħ l-istess lifter lil terzi, il-Qorti ma tistax tagħmel il-kalkolu hekk kif deskritt aktar 'il fuq. Dak li tista' tagħmel il-Qorti huwa li tqies il-kliem mogħtija bil-ġurament minn Falzon fis-sens li huwa negozju li jagħmel bil-forklifts mhux karita'. Għalhekk, ċertament li minn dan il-bejgħ li għamel lil terzi, huwa wkoll ħaseb biex jagħmel negozju u mhux karita'.

Għaldaqstant, din il-Qorti tqies li hija fondata t-talba ta' Buhagiar in vista li ma ġiex involut fil-bejgħ tal-lifter. Minkejja li ma kienx ħallsu fl-intier tiegħu, il-lifter kien proprjeta' tieghu mal-mument tal-ftehim bejn il-partijiet fuq il-lifter u fuq il-prezz. Għalhekk, huwa għandu jiġi mħallas lura s-somma ta' EUR 6,700 peress li dawn kienu effettivament id-danni li sofra meta Falzon ma nvolvihx fil-bejgħ tal-lifter lil terzi.

**Deċide**

**Għaldaqstant, din il-Qorti qed tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat u qed tordna lill-intimat Darren Falzon sabiex iħallas lill-istess rikorrenti s-somma ta' sitt elef u seba' mitt ewro (EUR 6,700). L-ispejjeż ta' din il-kawza għandhom jiġu sopportati mill-istess intimat.**

Maġistrat Simone Grech